**PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 19/2025 MS*

**L-Avukat Dottor Lycia Cordina bħala mandatarja speċjali tas-soċjetà estera BabyCam Sp. Z..O.O**

**Vs.**

**Alhag Limited**

Illum, 5 ta’ Mejju 2025

Kawża Numru: 13

1. Din hija sentenza dwar kawża imressqa mill-attriċi nomine permezz ta’ rikors ġuramentat tat-13 ta’ Jannar 2025, li bih u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, intalab li din il-Qorti jogħġobha:

> 1. Tipproċedi għas-sentenza skond it-talba attriċi bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artikolu 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;
>
> 2. Tiddikjara li s-soċjetà intimata hija debitriċi tas-soċjetà rikorrenti fis-somma ta’ tmienja u ħamsin elf u tlieta u

ħamsin Ewro (€58,053), rappreżentanti prezz ta' provvista u konsenja ta' 'playground equipment', kif fuq spjegat;

3. Tikkundanna lis-soċjetà intimata sabiex tħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' tmienja u ħamsin elf u tlieta u ħamsin Ewro (€58,053), bl-imgħaxijiet sad-data tal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-Ittra Uffiċċjali numru 946/24 tat-28 ta' Frar 2024 u bl-imgħaxijiet legali mid-data tal-iskadenza tal-fattura. Is-soċjetà intimata inġunta għas-subizzjoni. Bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-Liġi.

2. B'nota ippreżentata fit-30 t'April 2025, il-konvenuta ammettiet it-talbiet kif dedotti fil-konfront tagħha, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata waqt l-udjenza tal-lum stess.

3. Għalhekk il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha tal-attriċi kif dedotti, bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-iskadenza tal-fatturi eżebiti minn folio 6 sa 25, u bl-ispejjeż kollha kif mitlub fir-rikors ġuramentat.

Onor. Mark Simiana, LL.D

Imħallef

Deputat Reġistratur